MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2010

Appell Civili Numru. 535/2003/1

**Dr. Louis Cassar Pullicino bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza ta' Her Majesty's Stationery Office u ta' The Secretary of State of Defence tar-Renju Unit**

**v.**

**NCT International Trading Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tas-socjeta` konvenuta NCT International Trading Limited minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Settembru 2008 li, wara li cahdet l-eccezzjonijiet tas-socejta` konvenuta, laqghet t-talbiet tal-attur noe. Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` konvenuta.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghda tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

"Il-Qorti,

"**A. CITAZZJONI:**

"Rat ic-citazzjoni tal-atturi li biha ppremettew:

"Illi l-entita` governattiva Ingliza maghrufa bhala *Her Majesty's Stationery Office* ghandha l-funzjoni li tamministra u tirregola l-uzu li jsir tal-informazzjoni kollha prodotta mill-Gvern Ingliz u liema informazzjoni hija protetta taht dak li jissejjah "*Crown Copyright*".

"Illi l-*Controller of Her Majesty's Stationery Office* iddelega lill-*United Kingdom Hydrographic Office* id-dritt li jippermetti l-uzu permezz ta' "*licensing agreement*" il-materjal li jigi prodott mill-awtoritajiet governattivi Inglizi u li huma protetti taht il-**"***Crown Copyright*".

"Illi fost il-funzjoni tal-*United Kingdom Hydrographic Office* hemm id-dover li jigu pubblikati "*admiralty charts*" ossia mapep li ghandhom rilevanza partikolari ghall-bahhara u navigaturi marittimi.

"Illi d-drittijiet tal-awtur f'dawn il-mapep ossia *Admiralty Charts* jappartjenu lill-*Her Majesty's Stationery Office*; fl-istess waqt il-qligh jew parti mill-qligh generat mill-*licensing* ta' xogholijiet li jappartjenu lil *Her Majesty's Stationery Office* favur terzi huwa intitolat ghalih is-*Secretary of State of Defence* kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

"Illi skond il-ligi u senjament l-Att XIII tal-2000 (*Copyright Act*), "xogholijiet artistici huma protetti bid-drittijiet tal-awtur u fost dawn ix-xogholijiet il-ligi tinkludi" "mapep pjanti u dijagrammi" l-atturi huma intitolati ghall-protezzjoni tal-ligi bis-sahha tal-artikoli 4 u 5 tal-Att XIII tal-2000.

"Illi l-atturi saru jafu li s-socjeta` konvenuta qieghedhha toffri ghall-bejgh u tiddistibwixxi prodott maghruf bhala "*NaviCharT Vectorised Sea Charts*" u cioe` "*electronic vector charts*" u dan tramite l-***website*** taghha bl-isem www.NaviCharTs.com. Oltre dan jirrizulta wkoll illi s-socjeta` konvenuta qeghdha tirreklama l-istess prodott fuq diversi rivisti ossia "*yachting magazines*" Inglizi.

"Illi minn analizi komparattiva tal-prodott li qed jigi distribwit mill-konvenut, huwa evidenti li l-mapep elettronici li qed jigu offerti u distribwiti mill-konvenuti jikkostitwixxu kopja ossia riproduzzjoni illecita tal-mapep u *Admiralty Charts* prodotti u pubblikati mill-*United Kingdom Hydrographic Office.*

"Illi kif ser jigi pruvat fit-trattazzjoni tal-kaz, diversi aspetti u karatteristici f'dawn il-prodotti bhal dawk indikati bhala "*Depths*", "*Depth Contours*", "*Coastline*", "*Names and Features*", "*Sea Bottom Quality*", "*Navigational Notes*", "*Tidal Information*", "*Rocks*", "*Beacons Buoys & Lights*", huma identici u simili ghall-ahhar ghad-dettalji u informazzjoni li huma kontenuti fl-imsemmija *Admiralty Charts*; jirrizulta wkoll illi meta wiehed iqabbel il-mapep originali ta' *United Kingdom Hydrographic Office* ma' dawk kontenuti f'forma digitali fil-*website* tas-socjeta` konvenuta, partikolarment jekk wiehed jaghmel kopja fuq "*acetate*" u jaghmilha soppraposta fuq l-originali, kif fil-fatt sar mill-atturi u ser jigi dokumentat f'dawn il-proceduri, jidher evidenti kemm fil-fatt il-prodott tas-socjeta` konvenuta huwa ghal kollox kopja identika tal-original prodott mill-*United Kingdom Hydrographic Office.*

"Illi sabiex l-*United Kingdom Hydrographic Office* jipproduci l-*Admiralty Charts* in kwistjoni, huwa mehtieg xoghol u hila estensiva min-nies specjalizzati f'dan il-qasam.

“Illi l-*United Kingdom Hydrographic Office* dahal f’numru ta’ *Licence Agreements* ma’ terzi bil-ghan li jigi awtorizzat u regolat l-uzu, inkluz ir-riproduzzjoni tal-*Admiralty Charts* appartenenti lill-Gvern Ingliz. Fost dawn l-arrangamenti sar wiehed partikolari ma’ socjeta` registrata l-Italia bl-isem C-Map Srl, li b’hekk akkwistat id-dritt li tirriproduci u tikkonverti f’forma digitali ossia elettronika numru konsiderevoli ta’ *Admiralty Charts*.

“Illi ebda ftehim simili ghal dak premess ma gie konkluz mas-socjeta` konvenuta u lanqas qatt saret talba lill-*United Kingdom Hydrographic Office* jew entitajiet governattivi Inglizi ohra, sabiex din takkwista xi drittijiet a rigward dawn l-*Admiralty Charts*.

“Illi jirrizulta wkoll li filwaqt li s-socjeta` konvenuta qieghedha toffri ghall-bejgh il-prodott taghha bi prezz baxx ta’ tlett mitt sterlina (GBP 300), dak ta’ C-Map huwa ta’ erbat elef lira sterlina (GBP) liema prezz naturalment huwa oghla peress li jkollu jirrifletti l-ispejjez li C-Map qieghedha thallas lil *United Kingdom Hydrographic Office* in virtu` tal-*Licence Agreement* fuq imsemmi.

“Illi skond il-ligi, d-drittijiet tal-awtur f’xogholijiet artistici bhall-“*Admiratly Charts*” in kwistjoni u esebiti fl-Atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 725/03, huma d-drittijiet esklussivi ghall-awtorizzazzjoni jew projbizzjoni tal-ghemil f’Malta dwar il-materjal protett kollu jew xi parti sostanzjali minnu, sew fil-forma tieghu originali sew f’xi forma rikonoxxibbilment derivata mill-original *inter alia* ta’ xi wiehed minn dawn li gejjin:

“(a) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta sew temporanja sew permanenti b’kull mezz u f’kull ghamla, kollha jew f’parti minnha;
“(b) id-distribuzzjoni;
“(c) l-adattar, l-arrangament u kull alterazzjoni ohra u riproduzzjoni, distribuzzjoni, komunikazzjoni, wiri jew wirja ghall-pubbliku tar-rizultat relattiv.

“Illi l-agir tas-socjeta` konvenuta jivvjola d-drittijiet tal-awtur li tgawdi *Her Majesty’s Stationery Office* u jikkawza detriment u pregudizzju serju ghad-drittijiet u l-interessi taghha, bil-konsegwenza li *Her Majesty’s Stationery Office* sofra u qieghed isofri danni.

“Illi skond is-sistema amministrattiva mhaddna mill-awtoritajiet governattivi Inglizi, is-*Secretary of State of Defence* huwa intitolat li jircievi l-introjtu u l-qliegh li jsir minn daen il-*Licence Agreements* li *United Kingdom Hydrographic Office* jikkonkludi ma’ terzi, b’dan ghalhekk illi l-agir tas-socjeta` konvenuta qed jirreka danni wkoll lil dan l-attur.

“L-attur *nomine* talab lill-Qorti:

“1. Tiddikjara u tiddeciedi li d-drittijiet tal-awtur ossia l-“*Crown Copyright*” fix-xogholijiet artistici konsistenti fl-*Admiralty Charts* elenkati fid-dokument CR1/2 anness fl-atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 725/03, gew lezi u vjolati minnha ghar-ragunijiet fuq premessi, partikolarment minhabba r-riproduzzjoni illecita diretta jew indiretta tal-istess xogholijiet u/jew id-distribuzzjoni tal-istess xogholijiet.

“2. Tipprojbixxi u tinibixxi lis-socjeta` konvenuta milli b’mod dirett jew indirett, b’kull mezz, forma jew ghamla, tipproduci x-xogholijiet artistici hawn fuq indikati, liema xogholijiet huma prodotti mill-*United Kingdom Hydrographic Office* u f’liema xogholijiet tissussisti l-“*Crown Copyright*”, ukoll milli tiddistribwixxi bi kwalunkwe mezz, ghamla jew forma materjali riproduzzjonijiet illeciti tax-xogholijiet artistici konsistenti f’ *Admiralty Charts*, inkluz id-distribuzzjoni tal-prodotti maghrufa bhala “*NaviCharT Vectorised Sea Charts*” tramite l-*website* taghha www.NaviCharTs.com u/jew tramite mezzi ohra ta’ kwalunkwe forma jew ghamla.

“3. Tiddikjara u tiddeciedi li kawza tal-ksur tad-drittijiet tal-awtur appartenenti lill-*Her Majesty’s Stationery Office* fix-xogholijiet artistici hawn indikati, is-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghall-hlas tad-danni kawzati lil *Her*

*Majesty's Stationery Office* inkluz dawk id-danni addizzjonali kif previsti fl-artikolu 43 (2) tal-Kap 415 jew ghall-hlas ta' penali skond ic-cirkostanzi tal-kaz, kif ukoll ghar-restituzzjoni tal-qliegh kollu li jkun sar mill-kontravvenzjoni tad-drittijiet tal-awtur.

"4. Tillikwida d-danni jew penali u r-restituzzjoni tal-qliegh li sar mis-socjeta` konvenuta.

"5. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-ammont hekk likwidat skond ir-raba' talba a favur ta' *Her Majesty's Stationery Office* tar-Renju Unit.

"6. Tordna u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex fi zmien lilha prefiss tikkonsenja lill-atturi jew min minnhom dawk l-oggetti jew apparat kontravvenjenti li jinsabu fil-pussess taghha, inkluz izda mhux limitat ghas-*software* kollu, diski, taghrif mahzun fuq il-karta jew fuq mezzi elettronici, inkluz ukoll kull oggett jew apparat iehor li s-socjeta` konvenuta illicenzjat jew b'xi mod awtorizzat l-uzu tal-istess favur terzi.

"7. Tiddikjara u tiddeciedi li minhabba l-agir abusiv u illegali da parti tas-socjeta` konvenuta, partikolarment minhabba r-riproduzzjoni illecita diretta jew indiretta tal-istess xogholijiet u/jew id-distribuzzjoni tal-istess xogholijiet, tali agir irreka danni lis-*Secretary of State for Defence* tar-Renju Unit, ghal liema danni hija responsabbli s-socjeta` konvenuta.

"8. Tillikwida d-danni sofferti mis-*Secretary of State for Defence* tar-Renju Unit u

"9. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-*Secretary of State for Defence* l-ammonti hekk likwidati skond it-tmien talba.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 725/03, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-attur *nomine*.

"**B. ECCEZZJONIJIET:**

"Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li biha eccepiet:

"1. Illi sabiex ikun hemm ksur tad-drittijiet tal-awtur fuq xoghol artistiku, irid qabel xejn ikun hemm dritt tal-awtur u trid issir prova ta' dan id-dritt. Dikjarazzjoni fic-citazzjoni li l-informazzjoni kollha prodotta mill-Gvern Ingliz hija protetta taht dak li jissejjah "*Crown Copyright*" mhix bizzejjed.

"2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, anki li kieku dan id-dritt jezisti, l-istess dritt m'ghadux aktar protett stante li l-*Admiralty Charts* in kwistjoni jmorru lura ghal aktar minn sebghin sena, u cioe` l-perjodu ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur.

"3. Illi minghajr pregudizzju ghall-fuq eccepit, sabiex xoghol artistiku jkun eligibbli ghad-drittijiet tal-awtur, ix-xoghol irid ikollu kwalita` originali. L-*Admiralty Charts* tal-attur *nomine* m'ghandhomx din il-kwalita` originali u ghalhekk mhumiex eligibbli ghad-drittijiet tal-awtur.

"4. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta` konvenuta ma ikkommettiet ebda ksur tad-drittijiet tal-awtur u ghalhekk mhix responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-atturi.

"Salv eccezzjonijiet ohra.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda.

"Rat l-atti kollha tal-kawza.

"Semghet lix-xhieda bil-gurament.

"Semghet l-abili difensuri.

"Ikkunsidrat:

"**C. PROVI:**

"Rat l-affidavits u depozizzjoni ta' Christopher Martin Rickard;

"Rat l-affidavit ta' Peter Sayer, avukat tat-tezor ma' *Her Majesty's Government*;

"Rat l-affidavit u depozizzjoni ta' Peter Cox *Head of Mapping and Charting Profession* (HMCP) mal-*United Kingdom Hydrographic Office* (UKHO);

"Rat l-affidavit ta' James Detar li ma' C-Map Group *f'corporate management capacity*.

"Rat l-affidavit u x-xhieda ta' Walter Opitz *business man* u direttur ta' kumpaniji vari f'pajjizi differenti bhal Germanja u Malta.

"Rat id-digriet tal-24 ta' Mejju, 2006 li bih gie nominat Mr. Stig Gelselv bhala espert tekniku.

"Rat ir-rapport u l-annex mal-istess rapport ta' Stig Michael Gelselv fejn issemma li hu inkarigat bhala konsulent mal-KMS. Il-konvenut ma kienx lest li jispecifika x'tip ta' esperjenza teknika hidrografika kellhom il-haddiema u dwar l-*equipment* tekniku li kellhom fl-1970 u l-1980 u kif din id-*data* kienet tigi mizmuma digitalment. F'referenza ghat-tieni affidavit ta' James Detar qal li jrid jkollok bejn 15 u 33 haddiem kwalifikati, responsabbli mill-*core technology* u *programming* waqt is-snin, barra team ta' 10 sa 15-il *technician* kull sena ghal-15-il sena biex jiehdu hsieb id-*data capture* u l-*quality assurance tasks*. Ra x'teknologija kien hemm ghad-dispozizzjoni dak iz-zmien u qal li t-teknologija li jkollok bzonn biex taghmel prodott ta' *charts* ghad-dinja kollha u tqabbel dan mal-istatement insufficjenti ta' Walter Opitz, il-konkluzjoni tieghu hi li d-deskrizzjoni tal-organizazzjoni fid-daqs u fin-numru ta' esperti kwalifikati ghad-dispozizzjoni jrid ikun kunsidrat bhala ta' mhux ta' min joqghod fuqha. Il-hin li hemm bzonn biex tipproduci ***vector charts*** li jkopru d-

dinja kollha bil-metodi teknologici maghrufa llum ma setax jibda qabel l-1980. Fl-affidavit ta' Mr. Walter Opitz hemm dikjarat li l-ideja li jikreja programm ta' navigazzjoni ma setax jigi komplut minhabba *software* necessarju li kien kapaci li jibdel l-informazzjoni f'wahda kompjuterizzata sakemm *Windows* 95 gie introdott fis-suq. Dan iffisser li kull trasformazzjoni ta' informazzjoni minn ***paper chart*** ghal format digitali ma setax jibda qabel ma kien disponibbli *software* bhal *Windows* 95 fis-sena 1995. Meta tqabbel l-informazzjoni moghtija fl-affidavit ta' Mr. Optiz u meta zzom f'mohhok il-konkluzjoni tat-twegiba tad-domandi mohtija mill-konvenut u bi stima ta' 15-il sena ghall-produzzjoni tan-NaviCharT ***vector database*** huwa improbabbli minn punt tekniku u oggettiv li l-konvenut kien kapaci jipproduci n-NaviCharT kompluta fi zmien ta' mhux aktar minn 7-8 snin. Fl-affidavit ta' Mr. Optiz, il-konvenut iddikjara li s-sorsi tal-informazzjoni topografika tal-prodott tan-NaviCharT giet imnizzla mill-*internet* primarjament mic-"*Chart Market*" u *charts* ohra li gew uzati wkoll. Huwa korrett li ENC Amerikani huma ghad-dispozizzjoni bla hlas minn siti tal-*internet* specifici dejjem jekk isir rikonoxximent ta' dan il-fattur. Apparti minn dawn l-ibhra nazzjonali territorjali u informazzjoni hidrografika dwar l-ibhra nazzjonali hemm bzonn ta' permess bil-miktub mill-***hydrographic office*** responsabbli mill-ufficcju hidrografiku. Apparti s-sorsi tac-*charts* Amerikani ma jezistu l-ebda siti tal-*internet* ohra li jipprovdu b'xejn ghad-***download*** ta' prodotti ta' *data* hidrografika. Allavolja s-sorsi tac-*charts* Amerikani jistghu jigu uzati hu ma sab l-ebda ezempju fl-ibhra territorjali Amerikani fejn il-prodott tan-NaviCharT jinkludi dettalji li jvarjaw mill-kontenut tal-prodott CM93/2. Dak li sab li l-kontenut tal-prodott CM93/2 ghal dawn l-ibhra hu identiku ghall-kontenut tan-NaviCharT. Id-*data* tac-*chart* identika fil-kontenut tan-NaviCharT u ta' CM93/2 ghal dawn l-ibhra specifici tipprovdi li sorsi ta' *chart* Amerikana ma gietx utilizzata mill-konvenut imma trid tigi kunsidrata bhala evidenza teknika li l-ikkupjar ta' CM93/2 giet utilizzata mill-konvenuti. It-tqabbil bejn l-*Admiralty paper charts* u t-trasparenzi tal-prodott tan-NaviCharT kif prezentati mal-affidavit ta' Christopher Rickard jindika bil-qawwa li hlief ghal sezzjonijiet minuri ta' devjazzjonijiet f'xi ftit mill-

ezempji tal-prodott tan-NaviCharT wisq probabbli jirrapprezentaw riproduzzjoni diretta jew indiretta tal-*Admiralty Charts*. Instab fil-kazijiet ta' fuq li fejn id-dettalji tan-NaviCharT huma differenti mill-kontenut tal-*Admiralty Charts*, il-kontenut tac-*chart* tan-NaviCharT jikkorispondi mal-kontenut tal-prodott CM93/2. Ta' minn jinnota li l-attur f'10 kazi sab *spelling* hazin identiku ta' ismijiet ta' postijiet bejn is-CM93/2 u n-NaviCharT. Il-probabilita` li tirrepeti 10 darbiet l-istess 10 kelmiet bl-i*spelling* hazin jigi kunsidrat statistikament improbabbli. In-numru ta' *spelling* hazin identiku hu misjub bhala evidenza teknika li l-*copyright* tal-prodott tan-NaviCharT tal-prodott CM93/2 giet maghmula mill-konvenut. Fit-tqabbil tad-*data* bejn id-*data* kontenuta fil-prodott tan-NaviCharT u l-prodott tas-CM93/2 gie misjub f'certu kazi specifici l-prodott tan-NaviCharT ghandu informazzjoni tac-*chart* aktar dettaljati. F'certu kazi gie misjub li l-kontenut tac-*chart* tal-prodott tan-NaviCharT gie ikkupjata mill-*Admiralty Charts*. Dawn l-ezempji specifici jridu jigu kunsidrati bhala evidenza teknika li l-konvenut issuplixxa l-kontenut tac-*charts* bl-ikkupjat ta' *Admiralty Charts* maghzula. It-tqabbil tal-prodott tan-NaviCharT u l-prodott CM93/2 gew maghmula skond set ta' parametri kif imnizzlin fl-analizi tieghu, zamm f'mohhu l-metodi ta' produzzjoni deskritti u t-tip ta' sorsi ta' materjal li kienu ghad-dispozizzjoni ghall-produzzjoni. Fit-tqabbil taz-zewg prodotti hu sab li numru kbir ta' ezempji jindikaw li l-prodott tan-NaviCharT jinkludi d-*database* kollha tal-prodott CM93/2. Dawn l-ezempji ghandhom jigu kunsidrati bhala evidenza teknika li s-CM93/2 gie ikkupjat mill-konvenut. Semma ezempji identici li jistghu jittiehdu bhala evidenza li l-konvenut ikkopja l-prodott CM93/2. Ir-rizultat ta' kif is-C-Map tuza l-informazzjoni digitali taghha huwa uniku u ma jistax jigi duplikat minn xi hadd iehor b'kumbinazzjoni. Minkejja dan jidher li l-prodott tan-NaviCharT jinkludi dak li probabbilment jidher bhala ikkupjar tad-drittijiet intelletwali ta' C-Map. Il-fatt li l-process ta' xoghol tas-C-Map huwa suggettiv u ghalhekk zewg PDP's iridu jaghzlu huma l-metodu taghhom kif jipprijoritizzaw bejn *charts* disponibbli kif jintegraw *data* ghar-rizultat wiehed, zewg PDP's indipendenti mhux possibbli li jipproducu intellettwalment prodotti identici rigward il-projoritizzazzjoni u l-"*cutting*" ta' *chart areas*

imrikkbin fuq xulxin; anke jekk PDP juza metodu analogu (anke l-istess wiehed li juza C-Map) huwa statistikament improbabbli hafna li zewg operaturi li qed jaghmlu dan ix-xoghol ikollhom rizultati identici. B'referenza ghal Annex 3 (ezempji 8 u 10) flimkien mal-ezempji f'Appendix 3 sa Annex 1 gie misjub li l-***alignment*** identiku ta' dawn iz-zewg prodotti ma jistax ikun duplikat mill-konvenut u ghalhekk ghandu jigi kunsidrat bhala evidenza teknika li CM93/2 gie ikkupjat mill-konvenut. Element importanti jekk prodott digitali jistax ikun riproduzzjoni ta' prodott digitali iehor hu li tikkunsidra liema possibiltatajiet teknoligici jezistu biex prodott ***encrypted*** mill-***publisher*** ikun ikkupjat. Mit-tieni affidavit ta' James Detar – 45 jinghad li s-C-Map issostni li l-prodott CM93/2 gie ikkupjat illegalment mhux b'*hacking* izda bl-uzu hazin ta' informazzjoni rilaxxat lill-manifatturi fuq bazi kunfidenzjali u intiz biex jghin lill-konvenut jizviluppa applikazzjonijiet bl-uzu ta' *database* riferibbli ghal CM93/2. Jekk wiehed ihares minn punt tekniku fl-opinjoni tieghu li l-livell ta' probabilita` li l-konvenut kiser il-kuntratt bhal ma hu deskritt fit-tieni affidavit ta' Mr. James Detar huwa akbar mill-probabilita` li l-konvenut kien teknikament kapaci li jikser il-kodifika ta' C-Map b'xi teknologija mhux maghrufa ta' *hacking*. Indipendentement liema metodi teknici l-konvenut iddecieda li juza, il-konkluzjoni bazata fuq numru ta' evidenzi teknici hi li uhud mill-*Admiralty Charts* flimkien ma' CM93/2 gew ikkupjati mill-konvenut.

"Wiehed irid jara jekk il-konvenut setax ikopri l-ispejjez inizzjali tal-produzzjoni tal-prodott NaviCharT fis-suq meta jikkompara n-numru ta' abbonamenti. Jekk tassumi li l-konvenut jippjana li jkopri nofs il-prezz tal-produzzjoni totali fi zmien ta' hames snin ifisser li l-kumpanija ser tbiegh mill-anqas 15,645 ***single user licenses*** jew 3,129 ***single user licenses*** fis-sena. In-NaviCharT kellu l-prezz ta' €799 bil-VAT inkluz ghal abbonament ta' sena ghal ***single user license***. Wiehed simili tieghu ta' CM93/3 ta' C-Map jiswa madwar €7,400 minghajr VAT. Gie presunt li l-prezz tal-prodott ta' C-Map huwa rappresentativ u kompettitiv mas-suq ta' *shipping* professjonali u jirrapprezenta livell ta' prezz kalkolat li hu bilancjat ma' prezz annwu li C-Map ghandhom bzonn biex tkopri

apparti n-numru mistenni ta' abbonamenti li tassumi li jirnexxilek tottjeni. Imqabbel mas-*sales report* li l-*Hydrographic Offices* jircievu fuq bazi regolari minn C-Map jista' jigi stabbilit li n-numru mistenni ta' abbonamenti fis-sena tan-NaviCharT Professjonali mhux realistiku. Jekk wiehed jara kollox minn punt ta' *marketing* wiehed jassumi li l-prodott mhux maghmul ghall-*marketing* ta' *shipping* professjonali imma attentat ghal suq fil-parti t'isfel tas-sezzjoni ta' ECDIS kif ukoll ghal suq ta' ***lesuire craft***. Anke jekk dawn is-sezzjonijiet tas-suq huma kunsidrati bhala l-objettivi primarji mill-punt di vista ta' suq, xorta jibqa' mhux rejalistiku li l-konvenut fi zmien futur jipproduci bejgh daqshekk qawwi li l-konvenut jirnexxilu jkopri l-ispejjez inizzjali. Il-konkluzjoni hi li probabilment l-prezz tal-produzzjoni toali ghall-prodott ta' NaviCharT kien aktar baxx min dak stmat ta' €25,000,000 VAT eskluz. F'punt ta' *marketing* jista' jigi konkluz li l-prezz ta' produzzjoni tal-prodott ta' NaviCharT probabbli kien anqas mill-prezz ta' €799 inkluz VAT jigi gustifikat u r-riflessjoni tkun evidenza indiretta li l-konvenut hu hati ta' metodi ta' produzzjoni illegali.

"**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

"***<u>D 1. L-ewwel Eccezzjoni - Xoghol Artistiku u Originali Li Jwassal Ghad-Drittijiet Tal-Awtur</u>***

"Mir-rapport li ghalih fuq saret referenza ampja jirrizultaw zgur dawn il-fatti:

❖ "It-tqabbil bejn l-*Admiralty paper charts* u t-trasparenzi tal-prodott tan-NaviCharT kif prezentati mal-affidavit ta' Christopher Rickard jindika bil-qawwa li hlief ghal sezzjonijiet minuri ta' devjazzjonijiet f'xi ftit mill-ezempji tal-prodott tan-NaviCharT wisq probabbli jirrapprezentaw riproduzzjoni diretta jew indiretta tal-*Admiralty Charts*.

❖ "Il-probabilita` li tirrepeti 10 darbiet l-istess 10 kelmiet bl-i*spelling* hazin jigi kunsidrat statistikament improbabbli. In-numru ta' *spelling* hazin identiku hu misjub bhala evidenza teknika li l-*copyright* tal-prodott tan-

NaviCharT tal-prodott CM93/2 giet maghmula mill-konvenut.

❖ "Dawn l-ezempji ghandhom jigu kunsidrati bhala evidenza teknika li s-CM93/2 gie ikkupjat mill-konvenut.

❖ "Minkejja dan jidher li l-prodott tan-NaviCharT jinkludi dak li probabbilment jidher bhala ikkupjar tad-drittijiet intelletwali ta' C-Map.

❖ "Indipendentement liema metodi teknici l-konvenut iddecieda li juza, il-konkluzjoni bazata fuq numru ta' evidenzi teknici hi li uhud mill-*Admiralty Charts* flimkien ma' CM93/2 gew ikkupjati mill-konvenut.

"Minn ezami tal-*Copyright Act* 1988, sezzjoni 163 tal-ewwel parti jirrizulta li:
""*1. Where a work is made by Her Majesty or by an officer or servant of the Crown in the course of his duty: -*
*(a) the work qualifies for copyright protection …*
*(b) Her Majesty is the first owner of any copyright in the work".*

"Dan iwassal ghal *Crown Copyright*. Peter Sayer, it-*Treasury Solicitor*, liema ufficcju jipprovdi servizzi legali lid-dipartimenti governattivi fi hdan *Her Majesty's Government*, fl-affidavit tieghu jistqarr li "*a chart produced by a civil servant would ordinarily fall within the definitions of copyright and Crown Copyright*". Id-dritt ta' amministrazzjoni ghal dan hija f'idejn il-*Controller of Her Majesty's Stationery Office*. Huwa dan l-ufficcju li jmexxi u jirregola l-uzu tal-licenzji ta' informazzjoni prodotta mill-Gvern u protetta mill-Crown Copyright li jinkludi wkoll prodotti maghmula minn *members of the Crown during the course of their employment and material assigned and transferred to the crown*. Fil-kaz odjern huwa importanti wkoll id-dokument CR1/1 *Delegation of Authority* tal-10 ta' Ottubru 2001 moghtija mill-*Controller of HMSO* favur il-*United Kingdom Hydrographic Office*. Jinghad li l-*licensing agreement* li ippermettiet lis-socjeta` C-Map tipproduci verzjoni elettronika ta' kwantita` ta' mapep li d-

drittijiet tal-awtur taghhom jappartjenu lill-HMSO bhala *Crown Copyright*.

"Ghalhekk l-entita` governattiva Ingliza HMSO ghandha l-funzjoni li tamministra u tirregola l-uzu li jsir mill-informazzjoni kollha prodotta mill-Gvern Ingliz protetta taht *Crown Copyright*. Il-*Controller* tal-HMSO iddelega lill-UKHO (*United Kingdom Hydrographic Office*) id-dritt li jippermetti l-uzu tal-materjal prodott mill-awtoritajiet governattivi Inglizi protetti taht il-*Crown Copyright* u dan permezz ta' *Licensing Agreement*. Il-UKHO ghandu l-obbligu li jippubblika *Admiralty Charts* li ghandhom rilevanza ghall-bahhara u navigaturi marittimi. Id-drittijiet tal-awtur fl-*Admiralty Charts* jappartjenu lill-HMSO u huwa s-*Secretary of State of Defence* li ghandu d-dritt ghall-qligh generat mill-*licensing* ta' dawn ix-xogholijiet.

"L-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta tinsisti li biex ikun hemm ksur tad-drittijiet tal-awtur fuq xoghol artistiku, irid qabel xejn ikun hemm dritt tal-awtur li jrid jigi ippruvat. L-Att XIII (*Copyright Act*, Kap 415) isemmi li x-xogholijiet artistici huma protetti bid-drittijiet tal-awtur. Fl-artikolu 2 tal-Att hemm id-definizzjoni ta' "xoghol artistiku" li jsemmi li hemm inkluz "mapep, pjanti, dijagrammi u xogholijiet tridimensjonali relattivi ghall-gejografija, xjenza jew topografija …". Fost dawn ix-xogholijiet il-ligi tinkludi mapep, pjanti u dijagrammi. Kien ghalhekk li l-atturi sostnew li huma intitolati ghall-protezzjoni tal-ligi bis-sahha tal-artikoli 4 u 5 tal-Kap 415 ghax il-kawza tirreferi ghall-mapep riflessi fl-*Admiralty Charts*. Fil-kors tal-kawza gie ippruvat li dawn ix-xogholijiet kienu ta' natura originali. Dawn il-mapep gew prodotti dettaljatament u jinkludu xoghol liema bhalu li jinkludi gbir ta' informazzjoni dwar navigazzjoni u b'mod specjali dwar *hydrographic survey* (liema informazzjoni hija mghoddija mir-*Royal Navy* li tipprovdi *surveys* lill-UKHO). Jinghad ukoll li l-UKHO jircievi informazzjoni minn pajjizi ohra taht ftehim bilaterali. Hemm it-teknika wkoll tal-*aerial photogrammetry* li tinkludi ritratti mehuda mill-ajru, liema informazzjoni tidhol fic-*charts*, kif ukoll hemm informazzjoni dwar *wrecks*, *tidal information*, *geodesy*. Din l-informazzjoni kollha tigi mdahhla fil-mapep minn *skilled cartographers* u indicjata.

Tenhtieg esperjenza kbira biex wiehed jipprepara dwan il-mapep u specjalizzazzjoni f'dan is-suggett b'mod li c-*chart* kollu jrid juri l-informazzjoni kollha relevanti, kemm fil-*paper charts* kif ukoll fid-*digital charts*.

"Is-socjeta` konvenuta issollevat li huwa obbligu tal-Qorti li tezamina wkoll il-konsegwenzi tal-artikolu 3 tal-Kap 415 u partikolarment is-subartikolu 4 tieghu li jitkellem fuq *database* li ma tkunx eligibbli ghad-drittijiet tal-awtur kemm-il darba minhabba fl-ghazla jew arrangament tal-kontenut taghha tkun tikkostitwixxi l-krejazzjoni intellettwali ta' awtur. Drittijiet tal-awtur moghtija lil xi *database* m'ghandhomx jestendu ghall-kontenut taghha.

"Huwa ovvju li kullhadd ghandu dritt li jaghmel dan it-tip ta' *charts* izda mhux li jikkupjah minn haddiehor. Il-konvenuta sostniet li x-xoghol taghha ma sarx bil-metodu tal-i*scanning* izda bhala *vectorised charts* (*electronic charts*) li infatti l-prodott mahdum mis-socjeta` konvenuta jismu propju *NaviCharT Vectorised Sea Charts*. Is-socjeta` konvenuta ghalhekk tinsisti li l-*vectorised charts* ma gewx ikkupjati jew riprodotti bil-metodu ta' *scanning* u ghalhekk ma jistghux ikunu riproduzzjoni illecita.

Jinghad li l-Kap 415, artikolu 7, jipprovdi li d-drittijiet tal-awtur f'xoghol artistiku jikkonsisti "… fid-dritt esklussiv lio jawtorizza jew jipprojbixxi l-ghemil f'Malta dwar il-materjal protett fit-totalita` tieghu jewq f'parti sostanzjali minnu sew fl-ghamla originali tieghu sew f'xi forma miksuba b'mod li jingharaf sew mill-original ta' xi wiehed minn dawn li gejjin …
(a) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti, b'kull mezz u kull ghamla, ghal kollox jew parti minnu."

"L-atturi irriferew ghall-*agreement* mas-socjeta` registrata l-Italja bl-isem C-Map Srl li kienet akkwistat id-dritt li tirriproduci u tikkonverti f'forma digitali ossija elettronika numru ta' *Admiralty Charts*, u ebda ftehim simili ma sar mal-konvenuta. Hemm fuq elf *chart* li din is-socjeta` Taljana giet awtorizzata tahdem fuqhom u tirriproduci. Mix-xhieda prodotti milll-atturi jirrizulta li n-NaviCharT

huwa kopja illecita tal-prodott ta’ C-Map li ma huwa xejn aktar hlief kopja elettronika tal-*Admiralty Charts* tal-Gvern Ingliz li taghhom inghatat licenzja C-Map Srl.

“Irrizultaw identici u dettaljatament simili d-diversi aspetti fil-prodotti ta’ NaviCharT ma’ dawk tal-*Admiralty Charts* u dan riferibbilment ghal *depths, depth contours, coastline, names and features, sea bottom quality, navigational notes, tidal information, rocks, beacons, bouys and lights.* Irrizulta li l-prodott tas-socjeta` konvenuta huwa kollox kopja identika u mhux interpretazzjoni differenti tal-istess fatti tal-prodott originali tal-UKHO.

“Element iehor essenzjali huwa li hemm l-istess zbalji ta’ ortografija li saru bi zball minn C-Map fil-prodott jew verzjoni elettronika/digitali taghha. “Dan gie rilevat ukoll mill-espert nominat u saret referenza ghalih minn Christopher Rickard. Hemm anke zbalji *spelling* f’ghaxar kazijiet. It-tezi tas-socjeta` konvenuta li kienu sempliciment gabru xi informazzjoni fic-*charts*, liema informazzjoni ghalhekk mhix protetta, ma tistax tigi milqugha minn din il-Qorti.

“Interessanti huwa dak li nsibu mill-awtur *Copinger and Skone James on Copyright*, 14th *edition page* 108 *et seq* fejn jinghad “*originally this connection does not mean that the work must be the expression of original or inventive thought. The originality required relates to the expression of the thought … What is required is that work should originate from the author; it must not be copied from another work, for a mere copyist does not obtain copyright in his work. This is the true meaning of “original”. A work may be original in this sense, even though the author has drawn on knowledge common to himself and others, or has used already existing material*”.

“Ghalhekk il-UKHO seta’ jikkreja u jipproduci dawn l-*Admiralty Charts* b’dan li wiehed jista’ jiddeskrivihom bhala xogholijiet artisitici originali wara xoghol specjalizzat f’diversi stadji u fi zmenijiet diversi, liema xoghol huwa kumpless hafna, kif irrileva l-espert nominat. Is-socjeta` konvenuta ma gabitx provi ta’ dan it-tip ta’ xoghol fil-

produzzjoni tan-NaviCharT. Dan iwassal li wiehed jikkonkludi li min-naha tal-konvenuta ma sar ebda sforz jew process kreattiv biex tikkreja xoghol awtonomu indipendenti u originali. Il-mapep ossija *Admiralty Charts* jammontaw ghal xoghol artistiku ta' karattru originali li jwasslu ghal drittijiet tal-awtur.

"Ghal dawn il-motivi tichad l-ewwel eccezzjoni.

"***D2. It-Tieni Eccezzjoni – Perjodu ta' Protezzjoni Ghad-Drittijiet tal-Awtur***

"L-artikolu 1633 tal-*Crown Copyright* jirreferi ghal xoghol artistiku u jsemmi li dan il-*Crown Copyright* f'xogholijiet litterarji, ta' drama, muzikali u artistici jissussistu

*"(a) until the end of the period of 125 years from the end of the calendar year in which the work was made, or*

*"(b) if the work is published commercially, before the end of the period of 75 years from the end of the calendar year in which it was made, until the end of the period of 50 years from the end of the calendar year in which it was first so published.*

"Dan huwa li tghid il-ligi Ingliza, izda l-Kap 415 fl-artiklu 6(1) jipprovdi li l-perjodu ta' protezzjoni huwa ta' 70 sena dwar xogholijiet eligibbli ghad-drittijiet tal-awtur. L-artikolu 6(2) jsemmi "id-drittijiet tal-awtur moghtija fuq xoghol b'dan l-artiklu fuq *databases* jew fuq xoghol letterarju, muzikali jew artistiku ghandhom jibqghu jezistu sakemm jiskadu 70 sena mill-ahhar sena li fiha x-xoghol ikun ippubblikat ghall-ewwel darba".

"Mix-xhieda ta' Peter Cox jirrizulta li jigu preparati *charts* godda matul l-*intervening seventy years*. Jidher car ghalhekk li l-*Admiralty Charts* jigu aggornati u li kull darba li jigu aggirnati dan iwassal ghal process kreattiv gdid li jwassal ghal xoghol artistiku gdid u awtonomu b'mod li kull darba li jsir aggornament fl-*Admiralty Chart* jiskatta perjodu gdid iehor ta' sebghin (70) sena mill-pubblikazzjoni ta' tali xoghol artistiku. Dan l-aspett

jissemma mill-awturi *Copinger and Skone James on Copyright* pagna 111 li jaghmlu referenza ghall-kawza **L. B. (Plastics) Ltd vs Swish Products Ltd** u jghidu "*whether it is so entitled to copyright depends on whether there has been the addition of some element of material alteration or embellishment which suffices to make the totality of the work an original work*". Is-socjeta` konvenuta tistaqsi fin-nota taghha x'inhu li jwassal ghal *material alteration or embellishment which suffices to make the totality of the work an original work* u dan minhabba li tali ezercizzju huwa pjuttost intrinsikament suggettiv. Izda l-Qorti ma thossx li s-socjeta` intimata hija gustifikata li tghid dan ghax il-Qorti hija konvinta li bix-xjenza u esperjenza li l-ammiraljat kellu disponibbli ghalih fil-kors ta' sebghin (70) sena certament kien iwassal f'kaz ta' pajjiz bhal ma hi l-Gran Brittanja ghal zvilupp konsiderevoli li jwassal ghal *material alteration or embellishment*. Issemma fuq dwar l-aspetti li jikkomponu c-*charts* in kwistjoni u certament li l-*hydrographic survey information* tigi zviluppata minn perjodu qasir ghall-iehor u tissahhah minn zmien ghal zmien permezz tac-*charts* ottenuti minn organizzazzjonijiet ohra fuq bazi ta' *bi-lateral agreements* kif ukoll aktar informazzjoni ottenuta permezz ta' *aeriel photogrammtery, tidal information, wrecks,* u *geodesy.*

"Ta' min f'dan l-istadju jaghmel referenza ghall-iskeda CR1/2 esebita mal-ewwel affidavit ta' Christopher Rickard u esebita fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni 725/03 kif ukoll id-dokument CR1/5 li hija lista ta' 1295 *Admiralty Charts* kollha riprodotti fin-NaviCharT product tas-socjeta` konvenuta. Infatti mix-xhieda tal-imsemmi Rickard jirrizulta li minn dawn il-1295 *charts*, 1288 minnhom huma suggetti ghad-drittijiet tal-awtur favur HMSO.

"Il-fatt li l-UKHO kien storikament stabbilit fl-1795 u ippubblika ufficjalment l-ewwel *Admiralty Charts* tieghu f'Novembru tal-1800, liema *charts* kienu saru minn *surveys* li kienu nzammu seklu qabel ma jwassalx ghat-telf ta' drittijiet tal-awtur jekk ikun sar *re-drawing* u produzzjoni ta' *chart* preparata precedentement.

"Ghal dawn il-motivi tichad ukoll it-tieni eccezzjoni.

"***<u>D3. It-Tielet Eccezzjoni - Originalita` Tax-Xoghol u Drittijiet Tal-Awtur</u>***

"Il-konvenuta ssostni li ma ngabux provi mill-atturi dwar l-originalita` tal-*Admiralty Charts*, bazi biex twassal ghad-drittijiet tal-awtur skond il-Kap 415. Produzzjoni tal-*Admiralty Charts* kienet tirrikjedi preparazzjoni dettaljata u dedikazzjoni shiha ta' tant nies biex iwasslu ghall-produzzjoni. Element essenzjali tad-drittijiet tal-awtur huwa dejjem li xoghol artistiku jkollu element ta' originalita`. Mir-rapport tal-espert nominat jinghad li bejn 15 u 33 persuna kwalifikati u esperti biex jevalwaw teknoligija u bejn 10 u 15-il *technician* ghall-perjodu ta' hmistax-il sena huma necessarji biex tistudju d-*data* li jkollok u tasal ghall-konkluzjonijiet. Huwa veru li f'din il-parti l-espert kien qed jikkwota mit-tieni affidavit ta' James Detar izda l-mod kif imposta l-kliem tieghu jidher car li kien qed jaqbel ma' dan l-aspett. Fil-kors tal-kawza ssemma l-ammont enormi ta' xoghol necessarju ghall-produzzjoni tal-*Admiralty Charts*. L-interpretazzjoni ta' tali informazzjoni ghall-produzzjoni ta' dawn ic-*charts* necessarjament tirrikjedi evalwazzjoni suggettiva u oggettiva b'mod li l-originalita` tax-xoghol hija element necessarju u essenzjali. Ix-xhieda tal-attur semmew il-mod kif gew prodotti dawn l-*Admiralty Charts* b'mod li jista' jidher car l-aspett tal-originalita` tax-xoghol in kwistjoni u ghalhekk il-Qorti tichad ukoll din l-eccezzjoni.

"***<u>D4. Ir-Raba' Eccezzjoni – Ma Sar Ebda Ksur Tad-Drittijiet Tal-Awtur Mill-Konvenuti</u>***

"Hawnhekk wiehed irid ihares ghad-dispost tal-Kap 415 artikolu 7 li dwar l-aspett tad-Drittijiet tal-awtur u x-xoghol artistiku jsemmi:
"… fid-dritt esklussiv li jawtorizza jew jipprojbixxi l-ghemil f'Malta dwar il-materjal protett fit-totalita` tieghu jew f'parti sostanzjali minnu, sew fl-ghamla originali tieghu sew f'xi forma miksuba b'mod li jingharaf sew mill-original ta' xi wiehed minn dawn li gejjin … (a) ir-riproduzzjoni diretta

jew indiretta, temporanja jew permanenti, b'kull mezz u b'kull ghamla, ghal kollox jew f'parti minnu."

"Irrizulta li l-UKHO ma ta ebda licenzja lis-socjeta` konvenuta filwaqt li ssemma li nghatat licenzja lis-socjeta` C-Map Srl. Irrizulta anke mir-rapport tal-espert li l-prodott tas-socjeta` konvenuta ossija n-NaviCharT huwa kopja illecita tal-prodott ta' C-Map f'forma elettronika tal-imsemmija *Admiralty Charts*. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal l-espert kif ukoll ghal paraguni tac-*charts* li saru minn Christopher Rickard kif ukoll ghad-diskrepanzi fl-i*spelling*. Issir referenza wkoll ghall-fatt li s-socjeta` konvenuta ma gabitx prova ta' kif inhadem ix-xoghol taghha u hawnhekk huwa importanti li wiehed jirreferi wkoll ghal dak li qal l-espert dwar l-impossibbilta` li tali xoghol seta' jitlesta fiz-zmien imsemmi mis-socjeta` konvenuta. Certament huwa ksur tad-drittijiet tal-awtur li tiza xoghol li kien intitolat ghal dan id-dritt minghajr licenzja jew permess. Gie studjat mill-espert ukoll l-element tal-prezz b'riferenza ghax-xoghol necessarju ta' preparazzjoni ta' dawn ic-*charts*.

"Il-Qorti tirreferi ghall-artikolu 42 tal-Kap 415 u l-kontravvenzjoni tad-drittijiet tal-awtur meta *inter alia*:

"**42.** (1) Ikun hemm kontravvenzjoni ta' drittijiet tal-awtur, drittijiet vi`ini u drittijiet *sui generis* meta:

"(*a*) persuna tag]mel jew i[[ieg]el lil xi persuna o]ra tag]mel, ming]ajr li`enza ming]and il-proprjetarju jew id-detentur tag]ha, xi att li l-g]emil tieg]u huwa kkontrollat bid-drittijiet tal-awtur, drittijiet vi`in jew drittijiet *sui generis*;

"(*b*) persuna li, ming]ajr ma jkollha l-li`enza talproprjetarju tad-drittijiet tal-awtur jew ta' detentur ta' dritt, jimporta [ewwa Malta xort'o]ra milli g]al xi u\u privat u domestiku, jew jiddistribwixxi f'Malta b'mod kummer`jali, ta' kiri jew xort'o]ra jew permezz ta' esibiti kummer`jali fil-pubbliku jew ikollu filpussess tieg]u jew jimmanifattura filwaqt li jkun qed jikkummer`a jew joffri jew jesponi g]all-bejg] jew jikri xi artikolu li dwaru jkun hemm kontravvenzjoni ta' drittijiet tal-awtur ...;

"Ghal dawn il-motivi wkoll tichad ir-raba' eccezzjoni.

"***D5. Danni***

"Illi ghalhekk wara li l-Qorti cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta trid tezamina ulterjorment it-talbiet tal-attur riferibbilment ghall-aspett tad-danni. Hawnhekk il-Qorti tirreferi ghal dokument LCP3 ta' Christopher Rickard u l-mod kif isir qligh mill-UKHO mil-licenzja li tigi moghtija lil terzi relattivament ghall-uzu tal-*Admiralty Charts*. Hemmhekk jissemmew l-i*standard chart usage fee* ta' GBP13 ghal kull *chart* u l-i*standard digitizing fee* ta' GBP40 kull *chart*. Tissemma wkoll pero` l-*marketing fee* bazata fuq il-prezz ta' bejgh u li ghad-*digital products* ir-*royalty* hija ta' 15%. Skond il-prospett anness mad-Dokument CR3 il-UKHO kienet tkun intitolata tezigi hlas ta' GBP67,363 kif ukoll ir-*royalty* ta' GBP47.80 ghal kull prodott mibjugh kieku s-socjeta` konvenuta talbet licenzja, li bhala minimu jidher car li ghall-anqas jidher li kien iwassal ghal GBP3441.60.

"**E. KONKLUZJONIJIET:**

"Ghal dawn il-motivi wara li l-Qorti cahdet ghar-ragunijiet fuq imsemmija taht il-paragrafi D1, D2, D3 u D4 l-ecezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u ghalhekk il-Qorti qieghedha formalment tichad dawn l-eccezzjonijiet;

"Tiddikjara u tiddeciedi li d-drittijiet tal-awtur ossia l-"*Crown Copyright*" fix-xogholijiet artistici konsistenti fl-*Admiralty Charts* elenkati fid-dokument CR1/2 anness fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 725/03, gew lezi u vjolati minnha ghar-ragunijiet fuq premessi, partikolarment minhabba r-riproduzzjoni illecita diretta jew indiretta tal-istess xogholijiet u/jew id-distribuzzjoni tal-istess xogholijiet.

"Tipprojbixxi u tinibixxi lis-socjeta` konvenuta milli b'mod dirett jew indirett, b'kull mezz, forma jew ghamla, tipproduci x-xogholijiet artistici hawn fuq indikati, liema xogholijiet huma prodotti mill-*United Kingdom*

*Hydrographic Office* u f'liema xogholijiet tissussisti l-"*Crown Copyright*", ukoll milli tiddistribwixxi bi kwalunkwe mezz, ghamla jew forma materjali riproduzzjonijiet illeciti tax-xogholijiet artistici konsistenti f' *Admiralty Charts*, inkluz id-distribuzzjoni tal-prodotti maghrufa bhala "*NaviCharT Vectorised Sea Charts*" tramite l-*website* taghha www.NaviCharTs.com u/jew tramite mezzi ohra ta' kwalunkwe forma jew ghamla.

"Tiddikjara u tiddeciedi li kawza tal-ksur tad-drittijiet tal-awtur appartenenti lill-*Her Majesty's Stationery Office* fix-xogholijiet artistici indikati, is-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghall-hlas tad-danni kawzati lil *Her Majesty's Stationery Office*.

"Tillikwida d-danni fl-ammont ta' €60,000.

"Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-ammont hekk likwidat skond ir-raba' talba a favur ta' *Her Majesty's Stationery Office* tar-Renju Unit.

"Tordna u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex fi zmien tliet (3) xhur mil-lum tikkonsenja lill-atturi jew min minnhom dawk l-oggetti jew apparat kontravvenjenti li jinsabu fil-pussess taghha, inkluz izda mhux limitat ghas-*software* kollu, diski, taghrif mahzun fuq il-karta jew fuq mezzi elettronici, inkluz ukoll kull oggett jew apparat iehor li s-socjeta` konvenuta illicenzjat jew b'xi mod awtorizzat l-uzu tal-istess favur terzi.

Dwar is-seba', it-tmien u d-disa' talbiet riferibbli ghad-dikjarazzjoni li minhabba l-agir abusiv u illegali da parti tas-socjeta` konvenuta, partikolarment minhabba r-riproduzzjoni illecita diretta jew indiretta tal-istess xogholijiet u/jew id-distribuzzjoni tal-istess xogholijiet, tali agir irreka danni lis-*Secretary of State for Defence* tar-Renju Unit, ghal liema danni hija responsabbli s-socjeta` konvenuta u likwidazzjoni d-danni sofferti mis-*Secretary of State for Defence* tar-Renju Unit u kundanna hlas lis-*Secretary of State for Defence* l-ammonti hekk likwidati skond it-tmien talba, din ghandha titqies l-istess ammmont

fuq imsemmi perss li l-ammont hemm likwidat huwa riferibbli ghall-atturi f'daqqa.

"Spejjez kollha kontra s-socjeta` konvenuta."

**Rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta**

Is-socjeta` konvenuta hassitha aggravata bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interponiet appell minnha b'rikors prezentat fis-7 ta' Ottubru 2008.

Fil-qosor, l-aggravji tas-socjeta` appellanti huma s-segwenti:

Il-mapep li fuqhom hija msejsa l-azzjoni attrici m'humiex eligibbli ghad-dritt tal-awtur, u dan a tenur tal-Att X111 tat-2000  Ghalkemm l-ewwel Qorti ddikjarat li s-socjeta` konvenuta kkupjat il-mapep tal-atturi, naqset pero` milli tiddistingwi bejn il-forma u l-kontenut tal-istess mapep. Meta l-kontenut isir parti mid-dominju pubbliku, tali kontenut ma jibqax suggett ghad-dritt ta' awtur.  Hija l-forma tal-kontenut biss li tista' tifforma s-suggett tad-dritt ta' awtur.  Ghalhekk trid issir distinzjoni bejn il-kontenut tal-mapep tal-Ammiraljat u l-forma li bihom gew espressi l-istess mapep.  Il-karatteristici geografici huma parti mid-dominju pubbliku, u ghalhekk il-gbir ta' informazzjoni topografika u geografika mis-socjeta` konvenuta minn diversi sorsi, u l-kumpilazzjoni tal-istess fi programm *ad hoc*, ma jikkostitwixxu ebda infrazzjoni tad-drittijiet tal-atturi.

It-tieni aggravju huwa li t-trapass ta' 70 sena mill-ahhar sena li matulha gew ippubblikati l-mapep *de qua* wassal ghall-iskadenza tad-drittijiet ta' awtur fuq l-istess mapep. Din kienet it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta li l-ewwel Qorti iddisponiet minnha permezz ta' asserzjonijiet u kunsiderazzjonijiet gratuwiti, meta qalet li "bix-xjenza u esperjenza li l-ammiraljat kellu disponibbli ghalih, fil-kors ta' sebghin (70) sena, certament kien iwassal, f'kaz ta' pajjiz bhal ma hi l-Gran Brittanja, ghal zvilupp konsiderevoli li jwassal ghal *material alteration or embellishment*".  L-appellanti jsostnu li l-atturi naqsu milli

jgibu prova li kien hemm xi forma ta’ tigdid fix-xoghol artistiku *de qua* tal-kwalita` u grad sufficjenti li tirrizulta fl-interruzzjoni tat-terminu tal-hajja tad-dritt ta’ awtur u fid-dekors tal-istess terminu mill-gdid. Inoltre jikkontendu li mhux kull alterazzjoni ta’ xoghol artistiku necessarjament iwassal ghal tigdid fid-dritt ta’ awtur, imma t-tibdil irid ikun “extensive and substantial” li jirrendi x-xoghol prattikament gdid. Fil-kaz in ezami, ghalhekk ighidu li ma giex stabbilit mill-atturi li xi wahda mill-mapep giet prodotta mill-gdid ghal kollox f’xi zmien matul dawn l-ahhar sebghin sena.

It-tielet u l-ahhar aggravju tal-appellanti huwa li stante li l-prodott tas-socjeta` appellanti jiddifferixxi sostanzjalment minn dak tal-atturi, ghalhekk dan jezorbita totalment mill-protezzjoni tad-dritt tal-awtur. Huma jissottomettu li l-programm NaviCharT ghandu biss ftit sembjanza mal-mapep tal-atturi u huma mhux biss semplici mappa, imma huma alterati b’tali mod li jirrenduhom indipendenti u awtonomu mill-mapep tal-Ammiraljat. Dan ghaliex jikkonsistu fi programm interattiv u l-prestazzjoni tieghu tiddependi esklussivament fuq dak li jehtieg il-konsumatur tal-istess programm. Hija din il-karatteristika ta’ interattivita’ u intelligenza artificjali li tirrendi dan il-programm sostanzjalment divers mill-mapep tal-appellati. L-Admiralty Charts huma “raster charts” fil-forma elettronika izda mhux fil-forma tridimensjonali bhal “vectorized charts” taghhom u r-“raster charts” qatt ma jistghu jigu kkupjati jew riprodotti f’vectorized charts’. L-ewwel Qorti u l-espert imqabbad minnha pero` ma ghamlux din id-distinzjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet is-socjeta` appellanti talbet ir-revoka tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u li tichad it-talbiet attrici wara li tilqa’ l-eccezzjonijiet tas-socejta’ appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

**Risposta tal-attur appellat.**

L-aggravji u t-talbiet relattivi tal-appellanti gew kollha kontestati mill-appellat Dr. Louis Cassar Pullicino noe fir-risposta tieghu tas-27 ta’ Ottubru 2008 li in forza taghha,

ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, u tichad l-appell interpost mis-socjeta` konvenuta, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**Konsiderazzjonijiet**

Ghal dak li huwa sfond tal-fatti in kawza, din il-Qorti taghmel riferenza ghar-rassenja tal-fatti maghmula mill-Qorti tal-ewwel grad fis-sentenza taghha, u dan a skans ta' ripetizzjonijiet inutili, liema sentenza diga' tinsab inkluza fil-korp ta' din is-sentenza. Bazikament l-atturi talbu li jigi dikjarat li s-socjeta` konvenuta vvjolat id-dritt ta' awtur fix-xogholijiet artistici taghhom konsistenti f'Admiralty Charts.

**L-ewwel aggravju**

Illi l-punto di partenza f'din il-kawza ghandu jkun x'tip ta' xoghol l-atturi riedu li jigi protett bid-dritt ta' awtur, ghaliex huwa wara analisi akkurata u ezatta li ssir, li jkun jista' jigi determinat x'inhu dak li l-ligi tipprojbixxi lill-konvenuti milli jikkupjaw.

Kif ighid l-awtur ONG[1] "*Identifying the exact species of copyright that is alleged to have been infringed is a crucial preliminary question when dealing with maps and the vector data underlying such maps. Why should it matter whether the copyright which the plaintiff alleges to have been infringed is understood as copyright in an artistic work, or if it is asserted as copyright in a literary work? The short answer is that, even though the protected subject matter may be viewed concurrently as both an artistic work and a literary work, the nature and extent of the protection it receives under copyright law varies significantly depending on which copyright is alleged to have been infringed. Copyright in an artistic work protects the visual elements of an author's expressive efforts – the outline, spatial composition, shapes, colours and so forth. On the other hand, copyright in a literary work, (where the*

[1] Copyright and Cartography: Mapping the Boundaries of Infringement Liability.

*work is specifically a compilation of data, facts of information) protects a different species of authorial expression altogether.*"

Illi ghalhekk kemm *artistic works* kif ukoll *literary works* huma protetti bid-dritt ta' awtur, izda l-protezzjoni li tinghata, tvarja. Fil-kaz in ezami, ma hemmx dubbju li mill-atti processwali jirrizulta li l-atturi qed jitolbu protezzjoni ta' dritt ta' awtur fir-rigward tal-mapep tal-ammiraljat ghax jikkontendu li dawn jikkawlifikaw bhala xogholijiet artistici protetti mill- Artiklu 2(1)(b) tal-Kap 415 (Copyright Act). Il-protezzjoni li din il-Qorti tista' taghti f'dan il-kaz hija biss fir-rigward ta' dritt ta' awtur f'xogholijiet artistici. Ghalhekk, u f'dan is-sens biss, hija korretta s-socjeta` appellanti meta tghid fl-ewwel aggravju taghha li l-mapep f'dan il-kaz huma biss protetta bid-dritt tal-awtur in kwantu ghall-forma, u mhux ghal kontenut taghhom. Jidher li anke l-appellat qed jaqbel fuq dan ghax fir-risposta tal-appell tieghu (a fol 2) ighid li: " Is-socjeta` appellata ma ssostnix illi ghandha xi drittijiet esklussivi fuq il-karatteristici topografici u gjografici tal-lokalitajiet *per se* izda ghandha drittijiet esklussivi ossija dritt ta' awtur fl-*admiralty charts* kif kreati u prodotti minnha proprju ghaliex dawn il-mapep huma frott tal-kreattivita` u tax-xoghol u sforz sostanzjali tal-entitatjiet governattivi Inglizi li qed jintavolaw dawn il-proceduri".

Ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi milqugh limitatament biss fis-sens hawn fuq indikat.

**It-tieni aggravju**

Kwantu ghat-tieni aggravju l-appellanti qed isostnu li z-zmien ta' sebghin sena a tenur tal-Artikolu 6(2) tal-Kap. 415 illum ghadda u ghalhekk ic-*charts* huma *in public domain* u mhux koperti bid-dritt ta' awtur. L-appellati irribattew dan billi qalu li l-*Admiralty Charts* jigu aggornati perjodikament u kull darba li jigu hekk aggornati jwassal ghal process kreattiv gdid li jigi kkunsidrat bhala xoghol artistiku gdid u awtonomu b'mod li kull darba jiskatta perjodu iehor ta' sebghin sena mill-pubblikazzjoni ta' tali xoghol. L-appellanti ma jaqblux billi jikkontendu li ma

saret ebda prova li l-mapep tal-atturi inghataw xi “material alteration or embellishment” li jaghmel ix-xoghol wiehed gdid.

Illi kif gia` inghad l-atturi qed jitolbu l-protezzjoni tad-dritt ta’ awtur fuq il-mapep bhala xoghol artistiku, u mhux il-protezzjoni ta’ data jew tal-*literary work.* Il-perjodu applikabbili f’dan il-kaz huwa ta’ sebghin sena. Infatti l-Artikolu 6(2) tal-Kap. 415 jipprovdi li:
““Copyright conferred by this article on databases or on a literary, musical or artistic work shall subsist until the end of the expiration of seventy years from the end of the year in which it was first published”.

“Skont ix-xhud Christopher Rickard “*the NCT product includes the reproduction of 1295 charts. Of these 7 charts were published by the UKHO more than 70 years prior to the date when it is believed that the charts were copied by the respondent. The remaining 1288 charts are the subject of copyright held by HMSO under the laws of Malta*”. [2]

Peter Cox xehed li matul l-*intervening seventy years*, jigu ppreparti *charts* godda u ghalhekk kull darba jiskatta perjodu gdid iehor ta’ sebghin sena mill-pubblikazzjoni ta’ tali xoghol artistiku[3].

Illi huwa risaput li: “*whether (the new drawing) is so entitled to copyright depends on whether there has been the addition of some element of material alteration or embellishment which suffices to make the totality of the work an original work. This is a matter of fact and degree; even an alteration or addition which is quantitatively small may, if material, suffice to create an original work*”. [4]

[2] Ara fol. 122 para 5. Imbaghad a fol. 124 para 8 l-istess xhud ighid li “ 1271 of the 1295 charts listed in the schedule to my first affidavit are published less than 50 years ago, and are therefore within copyright under English Law.
[3] Affidavit Peter Cox a fol 164.
[4] Copinger & Skone J. ‘On Copyright’ quoting L.B. (Plastics) Ltd vs Swish Products Ltd. (fol 111).

Fil-kaz Interlego AG v Tyco Industries Inc.[5] (dwar Lego bricks) Lord Oliver jghid li "*in order to afford copyright protection on a copy of a work, there must in addition be some element of material alteration or embellishment which suffices to make the totality of the work an original work. Such alteration or embellishment must be 'visually significant' and that it is insufficient simply for the alteration to convey 'information'*."

Jigi puntwalizzat inoltre li f'dan il-kaz il-livell ta' originalita' rikjest, u b'mod partikolari fir-rigward ta' mapep, huwa wiehed baxx tant li anke fil-ligi taghna, taht il-Kap 415 artikolu 2 (1),"artistic work" jissussisti anke "*irrespective of artistic quality*".

Fil-kaz in ezami t-tqabbil li kellu jsir u li fil-fatt sar kien bejn Tab 1 fid-dokument PC1 (il-*predecessor charts,* ezibiti apparti mill-mandat ta' inibizzjoni*)* u Tab 8 dokument CR1. (l-*modern equivalents* li jinsabu mal-mandat ta' inibizzjoni). Fid-dok Tab 1 PC1 hemm inkluz spjegazzjoni tad-differenzi bejn ic-charts antiki u dawk moderni. Fl-affidavit tieghu [6] Peter Cox ighid li fil-*modern editions* u l-*updatings*, hemm elenku ta' "*changes in presentation*" li saru fil-mapep (ara para 18) u "*changes in the information needed for navigation*" (ara para 19). Skond ix-xhud il-UKHO tohrog licenzji bi hlas lit-terzi biex jirriproducu l-*Admiralty Charts* li huma *copyrightable.* Hu jghid li, "*The UKHO considers that each new edition of a chart has been so substantially recompiled that the effect of the recompilation (in qualitative and/or quantitative terms) is to create a new copyright work*". It-tibdil artistiku li x-xhud ighid li saru jinsab elenkat fil-paragrafu 18 tal-istess xiehda.

Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li gie ppruvat li l-mapep mertu ta' din il-kawza ghadhom *in copyright* u li l-appellati indikaw ukoll it-tibdil sinifikanti li sar fil-mapep taghhom li

---

[5] A plan containing a design for toy bricks that was only different from an earlier plan because minor variations were mentioned in words and figures, which were not themselves artistic works, fell foul of the originality requirement and was not awarded distinct copyright. ( Holyoak & Torremans Intellectual Property Law. 5$^{th}$ Ed. at 189)

[6] Ara affidavit Peter Cox a fol 164 para 12.

jiddistingwihom mill-mapep precedenti taghhom u dan, mhux semplicement billi ziedu xi informazzjoni ulterjuri l'hawn u l'hemm, izda bil-mod kif il-mapep gew maghzula, irrangati u pprezentati, u li ghalhekk jintitolahom li jibqghu protetti bid-dritt ta' awtur[7].

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

**It-tielet aggravju**

Fit-tielet aggravju l-appellanti jissottomettu li billi l-prodott taghhom jiddifferixxi sostanzjalment minn dak tal-appellati, ma hemmx ksur tad-dritt ta' awtur.

Illi l-partijiet qed jaqblu li, bhala regola, meta xoghol artistku jiddifferixxi sostanzjalment minn iehor, dan ma jkunx soggett ghad-dritt ta' awtur ta' haddiehor. Il-kwistjoni ghalhekk f'dan il-kaz hija jekk jirrizultax li x-xoghol prodott mis-socjeta` appellanti kienx xoghol indipendenti u awtonomu jew inkella kienx riproduzzjoni illecita tax-xoghol originali protetti favur l-atturi.

L-appellanti jsostnu li l-prodott taghhom jixbah biss ftit il-mapep tal-appellati u huma ma pproducewx semplici mapep, imma ghamlu alterazzjonijiet fihom b'tali mod li dawn saru prodott indipendenti u awtonomu mill-mapep tal-Ammiraljat billi l-programm uzat minnhom huwa wiehed interattiv u tridimensjonali. Invece l-*Admiralty Charts* huma '*raster charts*' fil-forma elettronika u mhux fil-forma tridimensjonali bhall-'*vectorized charts*' taghhom u dawn lanqas ma jistghu jigu kkupjati jew riprodotti[8].

L-appellati min-naha l-ohra jishqu li *vectorized charts* jistghu jigu kkupjati[9]. Huma jsostnu li f'dan il-kaz l-appellanti kkupjaw bl-aktar mod assolut u sfaccjat ic-*charts* u rriproducew mhux biss il-kontenut imma anke l-forma tal-mapep tal-Ammiraljat u fl-ebda mument ma gabu prova biex juru xi forma ta' originalita` fil-mapep taghhom. Ghal kuntrarju, l-appellanti dejjem insistew li l-

[7] Ara xiehda ta' Christopher Rickard a fol 339 et seq.
[8] Ara spjegazzjoni ta' Electronic Charts fid-dok a fol 369 et seq.
[9] Xiehda ta' Christopher Rickard a fol 327.

informazzjoni kkupjawha ghax kienet fid-dominju pubbliku u ma kienx baqa' dritt ta' awtur fuqha.

Il-pregudizzjali tal-appellati dwar dan l-aggravju hija li, rinfaccjata bi provi cari, l-ewwel Qorti sabet li x-xoghol tas-socjeta` konvenuta kien wiehed ikkupjat, ghalhekk din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, m'ghandhiex tiddisturba leggerment id-diskrezzjoni li tgawdi l-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi prodotti quddiemha.

Illi hija gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti li f'kaz fejn l-appell si tratta minn apprezzament ta' provi, il-Qorti m'ghandhiex tissosstitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-ewwel Qorti, hlief ghal ragunijiet gravi u impellenti, u fejn mir-rikonsiderazzjoni tal-atti kollha processwali jirrizulta li l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li fil-fatt waslet ghaliha.

Illi f'dan il-kaz l-ewwel Qorti b'digriet tal-24 ta' Mejju 2006[10] kienet innominat espert internazzjonali, lil Stig Michael Gelslev tan-*National Survey and Cadastre (KMS)* fid-*Danish Ministry of the Enviroment*, biex jirrelata dwar l-aspetti teknici tal-kaz. Skont ir-rapport minnu pprezentat fil-21 ta' Marzu 2007[11], it-*Terms of Reference* tieghu kienu "*to analyse the digital data within the NaviCharT product market by NCT International Trading Ltd. (NCT) and to assess technically to what extent it may be considered as a digital reproduction of the CM93/2 produced and published in May 2002 by C-Map Italy Srl. and/or produced via a digitization of among others 1,295 Admiralty paper charts produced and published by UKHO*". (ara 2.1.1. tar-rapport).

Din il-Qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghal xi punti generali li l-espert isemmi fir-rapport tieghu li jitfghu dawl fuq il-konkluzjonijiet minnu suggewentement raggunti. Huwa ssottolinea, ghal aktar minn darba, li "*defendant has not been willing to specify what kind of technical hydrographic experience the employees had in the 1970s*

[10] Ara fol 496.
[11] A fol 500.

*and 1980s. Defendant has neither been willing to inform about what kind of technical equipment that was (at his) disposal for the collection of the information in the 1970s and 1980s and how these data (were) stored digitally*". (ara 3.1). L-espert jinnota wkoll li "*defendant's argument that the start of the collection and integration of information into the program (dates) back in the 1970s u 1980s has to be questioned because the needed software programmes and hardware technology at that time was not even commenced*" (ara 3.1.1.) Hu jghid li dan il-programm gie fis-suq biss fin 1995 u ghalhekk jistaqsi kif "*with an estimated timeline of 15 years for the production of the NaviCharT vector database" kien possibbli "from an objective and technical point of view defendant was able to produce the complete NaviCHarT vector product within a timeframe of no more than 7-8 years*". (ara 3.2.2 u 5.1.5.2).

Imbaghad fir-rapport tieghu l-espert iqabbel l-Admiralty Charts mat-*transparencies* tan-NaviCharT (ara paragrafu 9.1 kollu) u qabbel ukoll id-dok CM93/2 man-NaviCharT. (ara paragrafu 9.2 kollu, partikolarment 9.5, 9.6, 9.7). L-espert wasal ghal dawn il-konkluzjonijiet:

Dwar l-***Admiralty Charts***, l-espert ighid li "*except for some minor sections of deviations in some of the examples the NaviCharT product most likely represents a direct or indirect reproduction of the Admiralty Charts*". (ara 3.4) u li "*where the details in the NaviCharT deviate from the content of the Admiralty Chart, the chart content of the NaviCharT correspond with the content of the CM93/2 product.*" li kienu wkoll taht licenza mill-atturi. (ara 3.4.1.).

Id-dokumenti li gew mqabbla huma CR1/5 ma' l-Admiralty charts li jinsabu annessi mal-mandat ta' inibizzjoni 725/03. (Ara tqabbil f'Annex 2 pagna 1/4 u Annex 3 1/22 tar-rapport tal-espert).

Dwar id-dokument **CM93/2** l-espert sab ukoll li kien hemm ikkuppjar. L-appellanti ssottomettew li l-espert ma kellux jaghmel tqabbil ma' dan il-prodott billi dawn mhumiex parti

fil-kawza. Il-Qorti izda tirrileva li mill-premessi tac-citazzjoni jirrizulta li C-Map Srl kienet akkwistat minghand l-appellati licenzja biex tirriproduci u tikkonverti f'forma digitali jew elettronika numru konsiderevoli ta' Admiralty Charts li kienu protetti b'dritt ta' awtur. Id-dritt ta' awtur ma giex assenjat imma baqa' tal-UKHO. Inoltre il-partijiet kienu qablu li "*the interpretation of the term "Admiralty charts" may ultimately being (sic) both the paper charts and the CM93/2 product*".[12]

L-espert nominat minn l-ewwel Qorti sab li "*the content in the CM93/2 product for the use of these (American territory waters) are identical to the content of the NaviCharT product" (3.3.3) li juri li l-appellanti ma uzawx "an independent American chart source*", kif allegaw l-appellanti[13], ghalhekk din hija prova li kien hemm ikkupjar tal-prodott CM93/2. (3.3.4). Barra minn hekk, l-espert sab li "*numerous examples strongly indicate that the NaviCharT product includes <u>the entire chart database of CM93/2 product</u>*". *These numerous examples must be considered as technical evidence that the CM93/2 product has been copied by the defendant*". ( 3.5.1.1 u Appendex 3 Annex 1 a fol 18/31).

L-espert laqtu partikolarment il-fatt li "*plaintiff in 10 cases found identical misspelling of place names between the CM93/2 product and the NaviCharT data product. The degree of probability to repeat exactly the same 10 misspellings out of the entire <u>millions of place names</u> in two independent production environments must be considered very unlikely*" (3.4.2) u dan huwa wkoll evidenza teknika li l-prodott kien gie kkuppjat. (3.4.3)[14].

L-appellanti ma qablux mal-konkluzjonijiet tal-espert u ressqu diversi sottomissjonijiet bhala kritika ghar-rapport mill-aspett tekniku. Din il-Qorti pero` tirrileva li l-istitut tal-prova permezz ta' perizija huwa intiz sabiex l-Qorti tkun tista' tistabilixxi fatti rilevanti ghall-mertu ta' kawza illi jkunu

[12] Ara 2.3.1 fol 3/5 f'Annex 1 tar-Rapport ta' SG..
[13] Ara fol 443.
[14] Ara xiehda ta' Christopher Rickard a fol 129 para 25 u a fol 150-159. Xiehda ta' William Salamon Appendix 2 Annex 1 fol 5/5.

ta' natura tali illi jirrikjedu tahrig jew taghlim specjali jew specjalizzat appuntu sabiex jigu determinati. Opinjoni teknika, bhal kull prova, sakemm ma tigix skossa minn prova ohra kuntrarja, attendibbili u kredibbili, tifforma l-bazi tal-gudizzju tal-Qorti. Il-Qorti ghandha mano libera li taccetta jew tirrifjuta opinjoni teknika lilha sottomessa mill-perit tekniku. Bhal kull prova ohra tista' tigi skartata mill-Qorti. Dan pero` mhux leggerment jew kapriccjosament imma biss jekk tirrizulta raguni valida fl-atti. Kien ghalhekk ukoll li l-ligi tipprovvdi ghan-nomina ta' periti addizzjonali biex ikun hemm mezz ta' verifika tal-opinjoni teknika li l-ewwel perit ikun issottometta. (Ara Sentenza App **Camilleri v. Debattista** 9/2/2001 u sentenza Appell **Ivan Borg pro et noe v. George Aquilina**, 19 ta' Ottubru, 2005; **Carmel Sciortino v. Helen Camilleri et** Appell deciz fil-31 ta' Lulju, 1996 u **Veronica Camilleri v. Joseph Thorne et** Civil Inferjuri deciza fit-2 ta' Dicembru, 2002).

Ghalkemm l-appellanti ma qablux mal-perit tekniku huma ma talbux in-nomina ta' periti addizzjonali biex jikkontestaw il-konkluzjonijiet tieghu. Fil-fehma ta' din il-Qorti r-rapport tal-espert tekniku f'dan il-kaz m'ghandux jigi skartat billi jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet tieghu huma fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, ragjonevoli u ma ngabu ebda ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju l-opinjoni teknika lilha sottomessa. Illi l-osservazzjonijiet maghmula mill-appellanti ma jistghux jinghataw l-piz minnhom mixtieq, meta kif inghad lanqas gew ikkontestati permezz ta' perizja addizzjonali, kif ukoll billi dawn l-osservazzjonijiet qeghdin isiru f'kuntest fejn il-Qorti - priva minn taghlim xjentifiku sabiex tapprezzahom ahjar mill-perit nominat minnha - ma tistax taghtihom apprezzament divers ghal dak moghti mill-istess perit tekniku. Ghalhekk is-sottomissjonjijiet tal-appellanti ma humiex tali li jinnewtrallizaw il-konkluzjonijiet peritali jew urew li huma irragjonevoli.

Fl-aggravju taghhom l-appellanti jsemmu li l-konkluzjonijiet tal-espert tekniku huma bbazati fuq suppozizzjonijiet u xejn aktar u jqajmu dubbju dwar l-analizi li saret minnu u anke li hu jaghmel uzu frekwenti

minn diversi espressjonijiet u frazijiet bhal “*most likely*” jew “*it seems likely*”, li prima facie joholqu dubbju dwar il-konkluzjonijiet minnu raggjunti. [15]

Fil-fehma ta’ din il-Qorti mill-analisi li ghamlet tar-rapport tal-espert u d-dokumenti li gew minnu ezaminati u mqabbla, ma jirrizultax li l-espert kellu xi dubbju dwar il-konkluzjonijiet li wasal ghalihom. Ic-certezza tinsab fis-sema, izda l-espert irrizultalu fuq bazi ta’ probabbilita` li f’dan il-kaz kien hemm ikuppjar sostanzjali u estensiv. Fil-gurisprudenza taghna “l-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-<u>preponderanza tal-probabilitajiet</u>”. (**Eucaristico Zammit v. Eustrachio Petrococchino**, Appell Kummerc, 25 ta’ Frar 1952; **Paul Vassallo v. Carmelo Pace**, Appell Civili, 5 ta’ Marzu 1986).

Mill-aspett legali ghandu jinghad li fil-kaz ta’ *copyright* hemm tlett principji fundamentali x’wiehed jikkunsidra. Dawn huma li:

*1. Copyright is infringed only when a defendant has copied from the copyright owner’s work, as opposed to acts of independent creation.*

*2. Copyright is infringed only when either the work as a whole, or a qualitatively substantial part of that work, has been reproduced by defendant.*

3. *Copyright protection enjoyed by a work extends only as far as those elements of authorial expression that originate from the author. Copyright does not confer protection against merely copying ideas, facts or information that may be found within a work*[16].

Illi skont l-Artikolu 7(1)(a) tal Kap. 415 tal-Ligijiet ta’ Malta:

[15] ara fol 13 tan-rikors ta’ l-appell.

[16] Ibid – Burton Ong.

"*Copyright in an audiovisual work, a database, a literary, musical or artistic work shall be the exclusive right to authorise or prohibit the doing in Malta in respect of the protected material in its totality or substantial part thereof, either in its original form or in any form recognisably derived from the original of any of the following:*

*(a) the direct or indirect, temporary or permanent reproduction by any means and in any form, in whole or in part*".

Fil-kaz in ezami jirrizulta l-ewwelnett u mhux kontestat li ma gie konkluz ebda ftehim bejn s-socjeta` appellanti u l-appellati bhal dak konkluz ma' C-Map Srl. Lanqas ma saret xi talba mill-appellanti lill UKHO ghal dan il-ghan[17].

Illi l-kwistjoni jekk kienx hemm ikkupjar jew le mis-socjeta` appelanti hija wahda ta' fatt. Kif jinghad fis-sentenza **Designers Guild Ltd v Russell Williams (Textiles) Ltd** (2000): "*The question whether what has been taken constitutes "all or a substantial part of the copyright work" is a matter of fact and impression and is determined by its quality rather than its quantity*".

Il-lanjanza tal-appellanti f'dan l-aggravju li kemm l-espert kif ukoll il-Qorti ma ghamlux distinzzjoni bejn il-mapep tas-socjeta` appellanti bhala "vectorized charts" u r-"raster charts" tal-Ammiraljat, ma tista' tigi akkolta. Fil-fatt dan l-aspett kien gie ezaminat u l-espert tekniku kien ikkonkluda li "*independently of which technical method the defendant may have decided to use, the overall conclusion, based on the numerous technical evidences that have been found above, must be that a selection of Admiralty Charts together with the CM93/2 product has been copied by the defendant*". (ara 3.8).

Il-lanjanza tal-appellati dejjem kienet li s-"*source material*" taghhom kien gie kkupjat mill-appellanti. Il-kwistjoni ma kienitx wahda tal-mezz uzat (ara f'dan is-sens anke l-

[17] Xiehda Christopher Rickard fol 123 para 7. Dwar il-licenzja fuq il-mapep ara xiehda ta' James Detar a fol 263 para 13.

artikolu 7 tal-Kap. 415) imma jekk kienx hemm ikkuppjar sostanzjali tax-xoghol tal-appellati.

Kif jghid Lord Justice Jacob fil-kaz **Hyperion Records v. Lionel Sawkins** (2005):
"*I think the true position is that one has to consider the extent to which the 'copyist' is a mere copyist – merely performing an easy mechanical function. The more that is so the less is his contribution likely to be taken as 'original'.* "

Fl-istess sens huma s-sentenzi, **Biotrading** case u **Interlego**, imsemmija supra, li:
"*The investment of 'skill, judgment and labour merely in the process of copying someone else's work cannot confer originality*".

Fil-fehma ta' din il-Qorti, fl-ahhar minn l-ahhar, l-ezami li jrid isir huwa dak li jsemmi Laddie fil kaz **Autospin (Oil Seals)** 1995**.**
"*It should be borne in mind that it is not enough to say that the defendant has 'used' the plaintiff's work. He must have 'reproduced' it*".

Huwa dan proprju li ghamlu l-appellanti. Huma mhux semplicement uzaw u hadu informazzjoni mix-xoghol tal-appellati imma huma sostanzjalment u estensivament irriproducewh kwalitativament partijiet sinifikanti tas-*source material* tal-appellati f'*vector charts* u ma gabu ebda prova li sar xi sforz jew process kreattiv da parti taghhom biex juru li kkrejaw xoghol awtonomu u indipendenti li huwa wkoll originali.

Jirrizulta li kien hemm '*substantial similarity*' bejn il-prodott tal-appellanti u l-mapep tal-appellati u dan ma kienx biss limitat ghad-*data* imma anke ghal partijiet sostanzjali tal-espressjoni artistika partikolari fil-mapep. L-espert jghid:
*"There is a representation of identical breaks in the depth contour alignments in specific zoom levels of the two products (see example 3, 4 and 6 in Annex 3); there are identical cartographic editing in the two products e.g the omission of soundings (see example 5 in Annex 3); there*

*are identical representations of digitized "nodes" along depth contour alignments (see example 4 in Annex 3). These objective findings must be considered as technical evidence that the CM93/2 product has been copied by the defendant*". (3.5.1.2)[18]

"*With reference to Annex 3 (example 8 and 10) together with the examples in Appendix 3 to Annex 1 it has been found that the identical alignment of the C-Map clipping lines and the identical prioritization and merging process of the digital data in the two products cannot be coincidentally duplicated by the defendant and therefore must be considered as technical evidence that the CM 93/2 product has been copied by the defendant*". (3.6.1.4.)

Fil-fehma tal-espert "*each cartographic product with its generalized graphical appearance has strong elements of intellectual creations that cannot be repeated identically by a third party without being a carbon copy of the original product*". (7.1).

Inoltre kif inghad qabel, "*defendant has not been able to rebut the inference of copying by adducing adequate evidence of independent creation*" u kif indika l-espert (ara 5.1.2) l-appellanti ma taw ebda informazzjoni dettaljata interna dwar l-esperjenza u l-esperti taghhom fil- "*marine software and data production area*"

Rilevanti wkoll ghall-dan l-appell huwa l-fatt li f'dan il-kaz kien hemm ikkuppjar mhux biss ta' informazzjoni parzjali mill-mapep tal-appellanti imma kien hemm ikkuppjar estensiv tad-prodott tal-appelltati. (3.5.1.1.) Kif inghad fis-sentenza, **Virtual Map (Singapore) Pte Ltd v. Singapore Land Authority** (2008) "*A strong case for finding infringement would be one where the entire compilation is reproduced*", kif gara f'dan il-kaz[19].

---

[18] Ara xiehda ta' James Detar a fol 261 para 7 fejn ighid li : "We examined demo chart materials from NCT's web site, and immediately recognized various characteristics that we retain and which are unique to our own products".
Ara xiehda ta' C.Rickard a fol 335.

[19] Ara xiehda ta' J.Detar a fol 262 para 9 u C.Rickard a fol 334 u 344.

Il-Qorti terga' tfakkar li f'dan il-kaz l-ikkuppjar gie indubbjament kkonfermat meta nstab li anke gew ikkupjati zbalji li kienu gew kommessi fil-C-Map Srl meta dawn kienu qed jaqilbu l-mapep li kienu akkwistaw b'licenzja minghand l-appellati. L-espert jghid li "*Copying had taken place, including reproduction of deliberate and accidental errors about a variety of features in its vector databases*". Fil-kaz **Billhofer Maschinenefabrik GmbH v. TH Dixon & Co** (1990) inghad li: "*It is the resemblance in inessentials, the small, redundant, even mistaken elements of the copyright work which carry the greatest weight. This is because they are least likely to have been the result of independent design.*"

Finalment il-Qorti tosserva li dwar is-sentenzi moghtija mill-Qorti Germaniza li kopja taghhom l-appellanti ezebew ma' dan l-Appell, u li kienu issemmew anke quddiem l-ewwel Qorti, il-Qorti tirrileva, li l-appellanti kellhom l-ewwel jippruvaw x'inhi il-ligi Germaniza u fit-tieni lok jekk din hijiex simili ghal dik Maltija. Haga li pero` ma saritx. Inoltre l-partijiet qablu li l-proceduri fil-Germanja kienu biss proceduri ta' natura kawtelatorja.

Ghalhekk it-tielet aggravju tal-appellanti qed jigi michud ukoll.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi, prevja li tilqa' l-ewwel aggravju fis-sens biss indikat f'din is-sentenza, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------